MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1680/2003

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Mario u Antida mizzewgin Agius**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih il-Bank attur talab is-somma ta' Lm1,438.62c (elf erba' mija u tmienja u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April, 2003 sal-jum tal-pagament effettiv rapprezentanti bilanc fuq *loan account*.

Il-konvenuta Antida Agius ipprezentat Risposta fejn qalet li s-self sar lil Mario Agius minghajr il-kunsens taghha u ghalhekk "din it-transazzjoni ma tiswiex u hija nulla fil-konfront taghha". Antida Agius ghamlet referenza ghall-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili.

Antida Agius qalet ukoll li skond kuntratt ta' separazzjoni personali l-konvenut Mario Agius assuma kull responsabbilta' ghal kwalunkwe dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li Mario Agius ammetta t-talba attrici u qal ukoll li skond il-kuntratt ta' separazzjoni hu assuma l-obbligu li jhallas dan l-ammont.

Ra li b'nota datata 1 ta' Dicembru, 2003 il-Bank attur irriduca t-talba ghal Lm1,317.43c (elf tlett mija u sbatax-il lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu) flimkien ma' l-imghax mill-1 t'Ottubru, 2003.

Ra li b'nota datata 15 ta' Marzu, 2004 it-talba attrici giet ridotta ghal Lm1,238.75c (elf mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) bl-imghax mill-1 t'Ottubru, 2003.

Sema' t-trattazzjoni tal-Bank attur li semma' diversi kawzi rilevanti.

**Ikkunsidra**

Li skond il-ligi jekk il-konvenuta riedet tikkontesta s-self li ghamel ir-ragel taghha kellha z-zmien biex taghmel dan. Ma ngabet ebda prova ta' att gudizzjarju pprezentat mill-konvenuta sabiex tikkontesta dan il-*loan* (Ara l-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili). Illi fil-kawza **Bugeja Vs Micallef deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 2003** eccezzjoni simili giet michuda billi l-konvenuta ma kienetx agixxiet fiz-zmien biex tikkontesta l-azzjoni tar-ragel taghha.

Illi l-konvenuta tghid ukoll li r-ragel taghha assuma kull responsabbilta' in konnessjoni ma' dan is-self f'kuntratt ta' separazzjoni. Illi dan il-kuntratt jirregola r-relazzjoni nterna bejn il-konvenuti izda certament ma jillimitax id-drittijiet tal-Bank attur. (Ara **Bank of Valletta Vs Joseph Formosa (2 ta' Gunju, 1999**).

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta Antida Agius u jikkundanna liz-zewg konvenuti sabiex ihallsu l-ammont ta' Lm1,238.75c (elf mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) bl-imghax mill-1 t'Ottubru, 2003 u bl-ispejjez ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------